Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali
Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri

2025/2039(INI)

30.9.2025

EMENDI
1 - 177

Abbozz ta' rapport
Eleonora Meleti, Rosa Estaràs Ferragut
(PE776.815v01-00)
Navvanzaw lejn soċjetà tal-kura: nindirizzaw id-distakk bejn il-ġeneri fl-għoti tal-kura

(2025/2039(INI))

Emenda 1
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 2a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u b'mod partikolari l-prinċipji tiegħu dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, l-indokrar tat-tfal u l-appoġġ għat-tfal, l-inklużjoni ta' persuni b'diżabilità u d-dritt għall-kura fit-tul,

Or. en

Emenda 2
Vilija Blinkevičiūtė, Estelle Ceulemans, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Romana Jerković, Evelyn Regner, Marc Angel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 23a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u b'mod partikolari l-prinċipji tiegħu dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, l-indokrar tat-tfal u l-appoġġ għat-tfal, l-inklużjoni ta' persuni b'diżabilità u d-dritt għall-kura fit-tul,

Or. en

Emenda 3
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 23d (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali tal-4 ta' Marzu 2021 u l-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni biex tingħata spinta lill-ekonomija soċjali u jinħolqu l-impjiegi,

Or. en

Emenda 4
Mathilde Androuët, Catherine Griset, Margarita de la Pisa Carrión, Viktória Ferenc

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra ***l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Marzu 2020 bit-titolu "Unjoni ta' Ugwaljanza***: ***Strateġija dwar l-Ugwaljanza Bejn il-Ġeneri għall-2020-2025" (COM(2020)0152),***	– wara li kkunsidra ***l-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tad-Dinjità tal-Bniedem fir-rigward tal-Applikazzjoni tal-Bijoloġija u l-Mediċina***: ***il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Bijomediċina tal-4 ta' April 1997, minn hawn 'il quddiem "il-Konvenzjoni ta' Oviedo", u l-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal tal-20 ta' Novembru 1989,***

Or. fr

Emenda 5
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Valérie Devaux, Hristo Petrov, Abir Al-Sahlani, Grégory Allione, Martin Hojsík, Jana Toom, Lucia Yar, Billy Kelleher

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Marzu 2020 bit-titolu "Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Marzu 2020 bit-titolu "Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija

ta’ Ugwaljanza Bejn is-Sessi għall-2020-2025” (COM(2020)0152),	ta’ Ugwaljanza Bejn is-Sessi għall-2020-2025” (COM(2020)0152), ***u l-pjan direzzjonali għad-drittijiet tan-nisa tas-7 ta’ Marzu 2025,***

Or. en

Emenda 6
Lina Gálvez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 20a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta’ Prinċipji għal soċjetà b’ugwaljanza tal-ġeneri, inkluża fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni “Pjan Direzzjonali għad-Drittijiet tan-Nisa”,

Or. en

Emenda 7
Emma Rafowicz, Gabriela Firea, Lina Gálvez, Alessandra Moretti, Maria Noichl, Joanna Scheuring-Wielgus, Marko Vešligaj, Vilija Blinkevičiūtė, Elisabeth Grossmann, Maria Guzenina, Carla Tavares

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 23a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta’ Marzu 2025 lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni bit-titolu “Pjan Direzzjonali għad-Drittijiet tan-Nisa”,

Or. en

Emenda 8
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 23q (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni bit-titolu "Pjan Direzzjonali għad-Drittijiet tan-Nisa" tas-7 ta' Marzu 2025,

Or. en

Emenda 9
Jagna Marczułajtis-Walczak

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 3a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2021 dwar l-Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030 (COM(2021)101),

Or. en

Emenda 10
Katrin Langensiepen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 8a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030 (COM(2021)101) maħruġa mill-Kummissjoni,

Or. en

Emenda 11
Eleonora Meleti, Rosa Estaràs Ferragut, Romana Tomc, Paulo Do Nascimento Cabral, Loucas Fourlas, Giusi Princi, Pascal Arimont, András Tivadar Kulja, Miriam Lexmann, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Jagna Marczułajtis-Walczak, Liesbet Sommen, Gabriella Gerzsenyi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 23a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030,

Or. en

Emenda 12
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 23p (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030,

Or. en

Emenda 13
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Valérie Devaux, Hristo Petrov, Abir Al-Sahlani, Grégory Allione, Martin Hojsík, Jana Toom, Lucia Yar, Billy Kelleher

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 23a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra d-Disa' Rapport dwar il-Koeżjoni Ekonomika, Soċjali u Territorjali 2024,

Or. en

Emenda 14
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Valérie Devaux, Hristo Petrov, Abir Al-Sahlani, Grégory Allione, Martin Hojsík, Jana Toom, Lucia Yar, Billy Kelleher

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 3a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer,

Or. en

Emenda 15
Miriam Lexmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 9a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer u r-rapport finali tal-Kumitat Speċjali għall-Ġlieda kontra l-Kanċer (COM 2021/44);

Or. en

Emenda 16
Mathilde Androuët, Catherine Griset, Margarita de la Pisa Carrión, Viktória Ferenc

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra ***l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-Pjan ta' Azzjoni tiegħu, il-miri ewlenin għall-2030 u t-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali tal-UE***,	– wara li kkunsidra ***d-Dikjarazzjoni Universali dwar il-Bijoetika u d-Drittijiet tal-Bniedem***,

Or. fr

Emenda 17
Eleonora Meleti, Rosa Estaràs Ferragut, Romana Tomc, Paulo Do Nascimento Cabral, Loucas Fourlas, Giusi Princi, Pascal Arimont, András Tivadar Kulja, Miriam Lexmann, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Jagna Marczułajtis-Walczak, Liesbet Sommen, Gabriella Gerzsenyi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 23b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità,

Or. en

Emenda 18
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 20a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, u r-ratifikazzjoni

tal-UE ta' din il-Konvenzjoni,

Or. en

Emenda 19
Vilija Blinkevičiūtė, Estelle Ceulemans, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Romana Jerković, Evelyn Regner, Marc Angel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 23c (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, u r-ratifikazzjoni tal-UE ta' din il-Konvenzjoni,

Or. en

Emenda 20
Mathilde Androuët, Catherine Griset, Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Lulju 2022 bit-titolu "Lejn azzjoni Ewropea komuni dwar il-kura"[6] ,	***imħassar***

[6] ĠU C 47, 7.2.2023, p. 30.

Or. fr

Emenda 21
Miriam Lexmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2022/2041 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea[7],	***imħassar***
[7] ĠU L 275, 25.10.2022, p. 33, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2022/2041/oj.	

Or. en

Emenda 22
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-rapport ta' Mario Draghi tad-9 ta' Settembru 2024 dwar il-futur tal-kompetittività Ewropea,	***imħassar***

Or. el

Emenda 23
Mathilde Androuët, Catherine Griset

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-rapport ta' Mario Draghi tad-9 ta' Settembru 2024 dwar il-futur tal-kompetittività Ewropea,	***imħassar***

Or. fr

Emenda 24
Mathilde Androuët, Catherine Griset, Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2023 għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi riżerva ta' talent tal-UE (COM(2023)0716),	***imħassar***

Or. fr

Emenda 25
Miriam Lexmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2024/2831 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2024 dwar it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fix-xogħol fuq il-pjattaformi[9],	***imħassar***

[9] ĠU L, 2024/2831, 11.11.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/2831/oj.

Or. en

Emenda 26
Mathilde Androuët, Catherine Griset, Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet	***imħassar***

tal-Kunsill tal-4 ta' Diċembru 2024 dwar nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet fl-UE: Il-mobilizzazzjoni tal-potenzjal tax-xogħol mhux sfruttat fl-Unjoni Ewropea, approvati mill-EPSCO fil-laqgħa tiegħu tat-2 ta' Diċembru 2024,

Or. fr

Emenda 27
Mathilde Androuët, Catherine Griset, Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Marzu 2024 bit-titolu "Nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet fl-UE: pjan ta' azzjoni", (COM(2024)0131),	***imħassar***

Or. fr

Emenda 28
Mathilde Androuët, Catherine Griset, Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Marzu 2025 intitolata "L-Unjoni tal-Ħiliet" (COM(2025)0090),	***imħassar***

Or. fr

Emenda 29
Katrin Langensiepen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 17a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Qafas ta' Azzjonijiet dwar iż-żamma u r-reklutaġġ fis-Servizzi Soċjali, adottat mill-Kumitat Ewropew għad-Djalogu Soċjali Settorjali għas-Servizzi Soċjali f'Ġunju 2025,

Or. en

Emenda 30
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 23a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-iżvilupp ta' faċilitajiet ta' indukrar għal tfal żgħar, bl-intenzjoni li tiżdied il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, jinstab bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għal ġenituri li jaħdmu u biex jinkiseb tkabbir sostenibbli u inklussiv fl-Ewropa ("l-objettivi ta' Barċellona") (COM(2018) 273),

Or. en

Emenda 31
Vilija Blinkevičiūtė, Estelle Ceulemans, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Romana Jerković, Evelyn Regner, Marc Angel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 23b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra d-Deċennju tat-Tixjiħ b'Saħħtu tan-Nazzjonijiet Uniti u l-motto tiegħu "nagħtu aktar ħajja lis-snin", u b'mod partikolari l-"faċilitaturi" tiegħu relatati mal-għoti ta' kura integrata u l-iżgurar ta' aċċess għal kura fit-tul,

Or. en

Emenda 32
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 23b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Impenn Soċjali ta' Porto tas-7 ta' Mejju 2021,

Or. en

Emenda 33
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 23c (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Porto tat-8 ta' Mejju 2021,

Or. en

Emenda 34
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 23e (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew SOC/687-EESC-2021 bit-titolu "Lejn Mudell Ġdid ta' Kura għall-Anzjani: nitgħallmu mill-pandemija tal-COVID-19",

Or. en

Emenda 35
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 23f (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapport tiegħu tal-15 ta' Novembru 2018 dwar is-servizzi tal-kura fl-UE għal ugwaljanza aħjar bejn is-sessi,

Or. en

Emenda 36
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 23g (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapport tiegħu tal-15 ta' Jannar 2019 dwar l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-Parlament Ewropew,

Or. en

Emenda 37
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 23h (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapport tiegħu tal-21 ta' Jannar 2021 dwar "Il-perspettiva tal-ġeneru fil-kriżi tal-COVID-19 u fil-perjodu ta' wara l-kriżi",

Or. en

Emenda 38
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 23i (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' April 2016 dwar il-ħaddiema domestiċi nisa u n-nisa li jaħdmu fis-settur tal-kura fl-UE,

Or. en

Emenda 39
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 23j (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-istudju mid-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni tal-Parlament ta' Marzu 2021, bit-titolu "The Gender Gap in the EU's Public Employment and Leadership" (Id-

Diskrepanza bejn il-Ġeneri fl-Impjieg Pubbliku u t-Tmexxija tal-UE),

Or. en

Emenda 40
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 23k (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-istudju mid-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni tal-Parlament ta' Marzu 2021, bit-titolu "Gender equality: Economic value of care from the perspective of the applicable EU funds" (L-ugwaljanza bejn il-ġeneri: Il-valur ekonomiku tal-kura mill-perspettiva tal-fondi applikabbli tal-UE),

Or. en

Emenda 41
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 23l (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-istudju mid-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni tal-Parlament ta' Mejju 2021, bit-titolu "COVID-19 and its economic impact on women and women's poverty" (Il-COVID-19 u l-impatt ekonomiku tiegħu fuq in-nisa u l-faqar fost in-nisa),

Or. en

Emenda 42
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 23m (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-istudju mid-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni tal-Parlament ta' Ottubru 2021, bit-titolu "Ageing policies - access to services in different Member States" (Il-politiki dwar it-tixjiħ - aċċess għal servizzi fi Stati Membri differenti),

Or. en

Emenda 43
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 23n (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-istudju mid-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni tal-Parlament ta' Novembru 2021, bit-titolu "Policies for long-term carers" (Politiki għall-persuni li jindokraw fit-tul),

Or. en

Emenda 44
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 23o (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-istudju mid-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni

	tal-Parlament ta' Marzu 2022, bit-titolu "An ambitious future for Europe's women after COVID-19: mental load, gender equality in teleworking and unpaid care work after the pandemic" (Futur ambizzjuż għan-nisa tal-Ewropa wara l-COVID-19: il-piż mentali, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fit-telexogħol u fix-xogħol ta' kura mhux imħallas wara l-pandemija),

Or. en

Emenda 45
Katrin Langensiepen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi l-Unjoni Ewropea hija msejsa fuq il-valur tal-ugwaljanza ***bejn in-nisa u l-irġiel***;	A. billi l-Unjoni Ewropea hija msejsa fuq il-valur tal-ugwaljanza bejn ***il-ġeneri; billi l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u approċċ intersezzjonali għandhom jiġu implimentati u integrati fil-politiki kollha tal-UE;***

Or. en

Emenda 46
Catherine Griset, Mathilde Androuët, Marie-Luce Brasier-Clain

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi l-Unjoni Ewropea hija msejsa fuq il-valur tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel;	A. billi l-Unjoni Ewropea hija msejsa fuq il-valur tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel***, u billi dawn ma jistgħux jintużaw biex jimponu viżjoni ideoloġika tal-"ġeneru" li żżarma l-parametri referenzjarji tal-familja***;

Or. fr

Emenda 47
Benedetta Scuderi, Katrin Langensiepen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi l-kura tinkludi kemm kura formali kif ukoll informali; billi l-kura formali tirreferi għal xogħol ta' kura pprovdut abbażi ta' impjieg formali, inkluż kuntratt tax-xogħol u hija dejjem imħallsa u l-kura informali tirreferi għal xogħol ta' kura pprovdut għal membri tal-familja, ħbieb, ġirien jew qraba, jew minnhom mingħajr kuntratt tax-xogħol u ġeneralment, għalkemm mhux dejjem, ma tkunx imħallsa; billi huwa imperattiv li jiġu identifikati u rikonoxxuti l-istrutturi kumplessi wara l-persuni li jindokraw b'mod informali, dawk li jirċievu l-kura u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi, u li dawn jiġu inklużi fl-istadji kollha tat-tfassil tal-politika;

Or. en

Emenda 48
Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi l-kura hija inerenti għall-bniedem u tafferma d-dinjità ta' kull ħajja; billi tali kura tista' mhux biss tirrispondi għall-bżonnijiet materjali iżda wkoll għad-dimensjoni profonda tal-preżenza umana, l-akkumpanjament u l-

affezzjoni, li l-ebda żvilupp teknoloġiku ma jista' jissostitwixxi; billi huwa vitali li l-kura tinżamm bħala pilastru tas-soċjetà u li tingħata r-rikonoxximent li jistħoqqilha;

Or. en

Emenda 49
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Valérie Devaux, Hristo Petrov, Abir Al-Sahlani, Grégory Allione, Martin Hojsík, Jana Toom, Lucia Yar, Billy Kelleher

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi l-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jistabbilixxi inizjattivi konkreti għall-implimentazzjoni ta' prinċipji li huma essenzjali għall-bini ta' Ewropa soċjali aktar b'saħħitha għal tranżizzjonijiet ġusti u għall-irkupru, inkluża waħda speċifikament dwar il-kura fit-tul;

Or. en

Emenda 50
Pál Szekeres, Viktória Ferenc, Nikola Bartůšek, Mathilde Androuët, Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi l-Unjoni Ewropea mhux biss qed tiffaċċja kriżi demografika, iżda wkoll soċjetajiet li kulma jmur qed jixjieħu, u li l-mard fit-tul u d-diżabilitajiet serji jiżviluppaw predominantement f'persuni li għandhom aktar minn 50 sena;

Or. en

Emenda 51
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi l-kunċett ta' "persuna li tindokra", kif miftiehem b'mod komuni, jinkludi l-forom kollha ta' indokrar "formali" u "informali", kemm imħallsa kif ukoll mhux imħallsa, filwaqt li jiġi rikonoxxut li x-xogħol tal-kura jitwettaq predominantement min-nisa;

Or. en

Emenda 52
Estrella Galán

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi d-dritt li wieħed jirċievi kura huwa rikonoxxut fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali;

Or. en

Emenda 53
Miriam Lexmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi soċjetà tal-kura tirrikonoxxi l-kura bħala fundamentali għall-funzjonament tal-ekonomiji u tas-	B. billi soċjetà tal-kura tirrikonoxxi l-kura bħala fundamentali għall-funzjonament tal-ekonomiji u tas-

soċjetajiet, li għandha tiġi vvalorizzata u kondiviża b'mod ekwu;

soċjetajiet, li għandha tiġi vvalorizzata u kondiviża b'mod ekwu; ***billi l-kura tista' tkun kemm formali kif ukoll informali; billi l-persuni li jindokraw b'mod informali spiss jipprovdu kura lil qrabathom jew lil persuni oħra fil-bżonn ta' kura, barra mill-qafas tal-kura formali u professjonali; billi din il-kura tista' tiġi kkumpensata b'benefiċċji f'ċerti kundizzjonijiet; billi l-kundizzjonijiet u l-livelli tal-benefiċċji jvarjaw madwar l-UE;***

Or. en

Emenda 54
Benedetta Scuderi, Katrin Langensiepen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi soċjetà tal-kura tirrikonoxxi l-kura bħala fundamentali għall-funzjonament tal-ekonomiji u tas-soċjetajiet, li għandha tiġi vvalorizzata u kondiviża ***b'mod ekwu***;	B. billi soċjetà tal-kura tirrikonoxxi l-kura bħala fundamentali għall-funzjonament tal-ekonomiji u ***għall-ġustizzja u r-reżiljenza tas-soċjetajiet tagħna***, li għandha tiġi vvalorizzata u kondiviża ***b'mod ugwali; billi l-kura hija dritt, mhux komodità u għandha tiġi rikonoxxuta bħala dritt għall-membri kollha tas-soċjetà u l-għoti tal-kura bħala ġid globali;***

Or. en

Emenda 55
Diana Iovanovici Şoşoacă

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi soċjetà tal-kura tirrikonoxxi l-	B. billi soċjetà tal-kura tirrikonoxxi l-

kura bħala fundamentali għall-funzjonament tal-ekonomiji u tas-soċjetajiet, li għandha tiġi vvalorizzata u kondiviża b'mod ekwu;

kura bħala fundamentali għall-funzjonament tal-ekonomiji u tas-soċjetajiet, li għandha tiġi vvalorizzata u kondiviża b'mod ekwu***, u billi n-nisa jagħmlu l-biċċa l-kbira tax-xogħol mhux imħallas: jieħdu ħsieb it-tfal, l-anzjani u l-persuni dipendenti, u jimmaniġġjaw l-unità domestika***;

Or. ro

Emenda 56
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi soċjetà tal-kura tirrikonoxxi l-kura bħala fundamentali għall-funzjonament tal-ekonomiji u tas-soċjetajiet, li għandha tiġi vvalorizzata u kondiviża b'mod ekwu;	B. billi soċjetà tal-kura tirrikonoxxi l-kura ***formali kif ukoll informali, li t-tnejn jingħataw b'mod predominanti min-nisa,*** bħala fundamentali għall-funzjonament tal-ekonomiji u tas-soċjetajiet, li għandha tiġi vvalorizzata u kondiviża b'mod ekwu;

Or. en

Emenda 57
Estrella Galán

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi soċjetà tal-kura tirrikonoxxi l-kura bħala fundamentali għall-funzjonament tal-ekonomiji u tas-soċjetajiet, li għandha tiġi vvalorizzata u kondiviża b'mod ekwu;	B. billi soċjetà tal-kura tirrikonoxxi l-kura bħala fundamentali għall-funzjonament tal-ekonomiji u tas-soċjetajiet, li għandha tiġi vvalorizzata u kondiviża b'mod ekwu ***bejn l-irġiel u n-nisa***;

Or. en

Emenda 58
Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi soċjetà tal-kura tirrikonoxxi l-kura bħala fundamentali għall-funzjonament tal-ekonomiji u tas-soċjetajiet, li għandha tiġi ***vvalorizzata*** u kondiviża b'mod ekwu;	B. billi soċjetà tal-kura tirrikonoxxi l-kura bħala fundamentali għall-funzjonament tal-ekonomiji u tas-soċjetajiet, li għandha tiġi ***apprezzata*** u kondiviża b'mod ekwu;

Or. en

Emenda 59
Irmhild Boßdorf, Petar Volgin, Christine Anderson

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi l-bżonn ta' dawk jindokraw b'mod professjonali żdied b'mod drammatiku minħabba l-frammentazzjoni tal-ħajja tal-familja, fejn iż-żewġ ġenituri spiss ikollhom bżonn joħorġu jaħdmu, u d-distanzi fiżiċi u emozzjonali bejn il-ġenerazzjonijiet, li jħallu lil ħafna anzjani 'l bogħod minn familthom, spiss f'istituzzjonijiet tal-kura;

Or. en

Emenda 60
Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi soċjetà bbażata fuq il-kura trid tirrikonoxxi l-importanza fundamentali tal-kura, troddilha lura l-prestiġju tagħha, tiżgura li l-valur tagħha jiġi rispettat, u tiggarantiha għal kulħadd;

Or. en

Emenda 61
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Valérie Devaux, Hristo Petrov, Abir Al-Sahlani, Grégory Allione, Martin Hojsík, Jana Toom, Lucia Yar, Billy Kelleher

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi l-kunċett ta' "persuna li tindokra" jinkludi kemm persuni li jindokraw b'mod professjonali kif ukoll persuni li jindokraw b'mod informali li jipprovdu kura informali u mhux imħallsa lil qarib;

Or. en

Emenda 62
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi l-persuni li jindokraw b'mod formali u informali, it-tnejn b'mod predominanti nisa, huma essenzjali għas-sostenibbiltà tas-sistemi tas-saħħa u tal-kura tal-Ewropa;

Or. en

Emenda 63
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi x-xogħol tal-kura jiġi f'ħafna forom, inkluż l-indokrar tat-tfal, il-kura fit-tul, il-kura tas-saħħa u s-servizzi personali;

Or. en

Emenda 64
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Bb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Bb. billi l-persuni li jindokraw b'mod informali huma membri tal-familja, ħbieb jew ġirien, b'mod predominanti nisa, li jipprovdu kura fit-tul u mhux imħallsa lil xi ħadd marid, b'diżabilità jew batut, barra mis-servizzi professjonali;

Or. en

Emenda 65
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Bb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Bb. billi x-xejriet demografiċi u l-

bidliet fil-politika qed jiffavorixxu dejjem aktar il-kura fid-dar għall-adulti akbar fl-età, l-għadd ta' ħaddiema li jservu wkoll bħala persuni li jindokraw b'mod informali huwa mistenni li jiżdied b'mod sinifikanti;

Or. en

Emenda 66
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Bc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Bc. billi n-nuqqas ta' kura soċjali u servizzi ta' appoġġ jista' jagħmel iż-żoni żvantaġġati jew rurali anqas attraenti u bħala konsegwenza jsaħħaħ l-isfidi ekonomiċi u soċjali li jistgħu diġà qed jiffaċċjaw; billi d-disponibbiltà ta' kura soċjali ta' kwalità għandha l-potenzjal li ttejjeb il-kwalità tal-ħajja u l-benessri ekonomiku tan-nies li jgħixu f'żoni rurali u remoti iżda tikkontribwixxi wkoll biex ittejjeb l-attrattività tat-territorji;

Or. en

Emenda 67
Francesco Torselli, Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan, Georgiana Teodorescu
f'isem il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali
Chiara Gemma

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi l-kura spiss hija sottovalutata soċjalment u ekonomikament; billi ħafna mix-xogħol tal-kura ma jidhirx u n-nies li	C. billi l-kura spiss hija sottovalutata soċjalment u ekonomikament; billi ħafna mix-xogħol tal-kura ma jidhirx, ***u l-pagi***

jipprovduh jirriskjaw li jiġu appoġġjati b'mod inadegwat;	***għal kura fit-tul u għal servizzi soċjali oħrajn huma 21 % taħt il-medja[1a]*** u n-nies li jipprovduh jirriskjaw li jiġu appoġġjati b'mod inadegwat, ***kemm finanazjarjament kif ukoll psikoloġikament; billi l-iżgurar tal-viżibilità u r-rikonoxximent kemm tal-persuni li jindokraw b'mod formali kif ukoll informali huwa essenzjali għas-sostenibbiltà tas-sistemi tal-kura;***
	_____
	[1a] Il-pagi fis-servizzi tal-kura fit-tul u servizzi soċjali oħra huma 21 % taħt il-medja | Eurofound
	Or. en

Emenda 68
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi l-kura spiss hija sottovalutata soċjalment u ekonomikament; billi ħafna mix-xogħol tal-kura ma jidhirx u n-nies li jipprovduh jirriskjaw li jiġu appoġġjati b'mod inadegwat;	C. billi l-kura spiss hija sottovalutata soċjalment u ekonomikament; billi ħafna mix-xogħol tal-kura ma jidhirx***, u l-pagi għal kura fit-tul u għal servizzi soċjali oħra huma 21 % taħt il-medja skont il-Eurofound,*** u n-nies li jipprovduh jirriskjaw li jiġu appoġġjati b'mod inadegwat;
	Or. en

Emenda 69
András Tivadar Kulja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi l-kura spiss hija sottovalutata soċjalment u ekonomikament; billi ħafna mix-xogħol tal-kura ma jidhirx u n-nies li jipprovduh jirriskjaw li jiġu appoġġjati b'mod inadegwat;	C. billi l-kura spiss hija sottovalutata soċjalment u ekonomikament; billi ħafna mix-xogħol tal-kura ma jidhirx u n-nies li jipprovduh jirriskjaw li jiġu appoġġjati b'mod inadegwat; ***billi l-merkanzifikazzjoni dejjem tikber tal-kura ddgħajjef id-dinjità tal-persuni li jindokraw u ta' dawk li jirċievu l-kura, u dan iwassal għal kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji, l-erożjoni tad-drittijiet soċjali u l-isfruttament ta' gruppi vulnerabbli;***

Or. en

Emenda 70
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Valérie Devaux, Hristo Petrov, Abir Al-Sahlani, Grégory Allione, Martin Hojsík, Jana Toom, Lucia Yar, Billy Kelleher

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi ***l-kura*** spiss ***hija sottovalutata*** soċjalment u ekonomikament; billi ħafna mix-xogħol tal-kura ma jidhirx u n-nies li jipprovduh jirriskjaw li jiġu appoġġjati b'mod inadegwat;	C. billi ***l-valur miżjud soċjetali tal-kura informali bħall-kura tal-anzjani jew l-indokrar tat-tfal ħafna drabi huwa diffiċli biex jitkejjel f'mudelli ekonomiċi, u għalhekk*** spiss ***huwa sottovalutat*** soċjalment u ekonomikament; billi ħafna mix-xogħol tal-kura ma jidhirx u n-nies li jipprovduh jirriskjaw li jiġu appoġġjati b'mod inadegwat;

Or. en

Emenda 71
Diana Iovanovici Şoşoacă

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi l-kura spiss hija sottovalutata soċjalment u ekonomikament; billi ħafna mix-xogħol tal-kura ma jidhirx u n-nies li jipprovduh jirriskjaw li jiġu appoġġjati b'mod inadegwat;	C. billi l-kura spiss hija sottovalutata soċjalment u ekonomikament***, minħabba n-nuqqas ta' infrastruttura soċjali sufiċjenti, li ġġiegħel lill-familji jibbażaw fuq xogħol in-nisa***; billi ħafna mix-xogħol tal-kura ma jidhirx u n-nies li jipprovduh jirriskjaw li jiġu appoġġjati b'mod inadegwat;

Or. ro

Emenda 72
Estrella Galán

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi l-kura spiss hija sottovalutata soċjalment u ekonomikament; billi ħafna mix-xogħol tal-kura ma jidhirx u n-nies li jipprovduh jirriskjaw li jiġu appoġġjati b'mod inadegwat;	C. billi l-kura spiss hija sottovalutata soċjalment u ekonomikament; billi ħafna mix-xogħol tal-kura ma jidhirx u n-nies li jipprovduh jirriskjaw li jiġu appoġġjati b'mod inadegwat; ***billi ammont sinifikanti ta' persuni li jindokraw huma ħaddiema mhux iddikjarati;***

Or. en

Emenda 73
Miriam Lexmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi l-kura spiss hija sottovalutata soċjalment u ekonomikament; billi ħafna mix-xogħol tal-kura ma jidhirx u n-nies li jipprovduh ***jirriskjaw li jiġu*** appoġġjati ***b'mod inadegwat***;	C. billi l-kura spiss hija sottovalutata soċjalment u ekonomikament; billi ħafna mix-xogħol tal-kura ma jidhirx u n-nies li jipprovduh ***mhumiex*** appoġġjati ***b'mod xieraq, li jpoġġi piżijiet fiżiċi u psikoloġiċi***

addizzjonali fuqhom;

Or. en

Emenda 74
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi ***l-kura*** spiss ***hija sottovalutata*** soċjalment u ekonomikament; billi ħafna mix-xogħol tal-kura ma jidhirx u n-nies li jipprovduh jirriskjaw li jiġu appoġġjati b'mod inadegwat;	C. billi ***kemm il-kura formali kif ukoll il-kura informali, li b'mod predominanti jingħataw min-nisa***, spiss ***huma sottovalutati*** soċjalment u ekonomikament; billi ħafna mix-xogħol tal-kura ma jidhirx u n-nies li jipprovduh jirriskjaw li jiġu appoġġjati b'mod inadegwat;

Or. en

Emenda 75
Kathleen Funchion, Irene Montero, Elena Kountoura, Hanna Gedin, Carolina Morace

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi l-kura spiss hija sottovalutata soċjalment u ekonomikament; billi ħafna mix-xogħol tal-kura ma jidhirx u n-nies li jipprovduh jirriskjaw li jiġu appoġġjati b'mod inadegwat;	C. billi l-kura spiss hija sottovalutata soċjalment u ekonomikament; billi ħafna mix-xogħol tal-kura ma jidhirx u n-nies li jipprovduh jirriskjaw li jiġu ***rikonoxxuti, jingħataw valur u jiġu*** appoġġjati b'mod inadegwat;

Or. en

Emenda 76
Emma Rafowicz, Joanna Scheuring-Wielgus, Marko Vešligaj, Vilija Blinkevičiūtė, Elisabeth Grossmann, Maria Guzenina, Carla Tavares, Gabriela Firea, Lina Gálvez, Alessandra Moretti, Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi l-kunċett ta' "persuna li tindokra", kif miftiehem b'mod komuni, jinkludi l-forom kollha ta' indokrar "formali" u "informali", kemm imħallas kif ukoll mhux imħallas; billi "persuna li tindokra b'mod informali" hija persuna li tipprovdi kura ġeneralment mhux imħallsa lil xi ħadd b'marda kronika, diżabilità jew bżonnijiet oħra ta' saħħa jew kura fit-tul barra minn qafas professjonali jew formali;

Or. en

Emenda 77
Francesco Torselli, Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan, Georgiana Teodorescu
f'isem il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali
Chiara Gemma

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi l-kunċett ta' "persuna li tindokra", kif miftiehem b'mod komuni, jinkludi l-forom kollha ta' indokrar, kemm formali kif ukoll informali, kemm imħallas kif ukoll mhux imħallas; billi "persuna li tindokra b'mod informali" hija persuna li tipprovdi kura ġeneralment mhux imħallsa lil xi ħadd b'marda kronika, diżabilità jew bżonnijiet oħra ta' saħħa jew kura fit-tul barra minn qafas professjonali jew formali;

Or. en

Emenda 78
Vilija Blinkevičiūtė, Estelle Ceulemans, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Romana Jerković, Evelyn Regner, Marc Angel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi x-xejriet demografiċi u l-bidliet fil-politika qed jiffavorixxu dejjem aktar il-kura fid-dar għall-adulti akbar fl-età, l-għadd ta' ħaddiema li jservu wkoll bħala persuni li jindokraw b'mod informali huwa mistenni li jiżdied b'mod sinifikanti;

Or. en

Emenda 79
Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi l-familja hija l-ambjent naturali li fi ħdanha tingħata u tiġi rċevuta l-kura b'mod reċiproku;

Or. en

Emenda 80
Francesco Torselli, Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan, Georgiana Teodorescu
f'isem il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali
Chiara Gemma

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Cb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Cb. billi l-ħin stmat iddedikat għall-kura mhux professjonali fl-Ewropa laħaq

id-39 biljun siegħa fis-sena, ekwivalenti għal valur ekonomiku ta' madwar EUR 576 biljun, li jirrappreżenta madwar 3,63 % tal-prodott domestiku gross tal-Ewropa[3a];

[3a] Peña-Longobardo LM, Oliva-Moreno J. The Economic Value of Non-professional Care: A Europe-Wide Analysis (Il-Valur Ekonomiku tal-Kura Mhux Professjonali: Analiżi madwar l-Ewropa kollha). International Journal of Health Policy Managment. 2022;11(10); WHO Europe. Shining light on women's contributions: celebrating their role in informal care (Nixħtu d-dawl fuq il-kontributi tan-nisa: Niċċelebraw ir-rwol tagħhom fil-kura informali), 2024. Disponibbli fuq: https://www.who.int/europe/news/item/08-03-2024-shining-light-on-women-s-contributions--celebrating-their-role-in-informal-care.

Or. en

Emenda 81
Emma Rafowicz, Carla Tavares, Gabriela Firea, Lina Gálvez, Alessandra Moretti, Maria Noichl, Joanna Scheuring-Wielgus, Marko Vešligaj, Vilija Blinkevičiūtė, Elisabeth Grossmann, Maria Guzenina

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi n-nisa jġorru ***l-biċċa l-kbira*** tar-responsabbiltajiet ta' kura, b'90 % tal-forza tax-xogħol tal-kura formali mwettqa min-nisa[10];	D. billi n-nisa jġorru ***s-sehem il-kbir*** tar-responsabbiltajiet ta' kura, b'90 % tal-forza tax-xogħol tal-kura formali mwettqa min-nisa***, u kważi nofs in-nisa li jgħixu f'relazzjoni jerfgħu r-responsabbiltà ewlenija għal kompiti ta' kura tat-tfal meta mqabbla ma' 6 % tal-irġiel***; ***billi, madwar l-UE, kemm l-indokrar informali kif ukoll l-indokrar formali għadhom qed jitwettqu b'mod sproporzjonat min-nisa, u***

	dan isaħħaħ l-inugwaljanzi strutturali bejn il-ġeneri u jikkontribwixxi għad-distakk bejn il-ġeneri fl-għoti tal-kura, u b'hekk jillimita l-parteċipazzjoni sħiħa tan-nisa fis-suq tax-xogħol u fil-ħajja pubblika;
[10] Il-Kummissjoni Ewropea, Strateġija Ewropea għall-Kura, 2022.	[10] Il-Kummissjoni Ewropea, Strateġija Ewropea għall-Kura, 2022.
	Or. en

Emenda 82
Lina Gálvez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi n-nisa jġorru l-biċċa l-kbira tar-responsabbiltajiet ta' kura, b'90 % tal-forza tax-xogħol tal-kura formali mwettqa min-nisa[10];	D. billi n-nisa jġorru l-biċċa l-kbira tar-responsabbiltajiet ta' kura, b'90 % tal-forza tax-xogħol tal-kura formali mwettqa min-nisa[10]; ***billi d-differenzi persistenti bejn il-ġeneri fl-UE, bħad-differenza ta' 11,5 % bejn il-ġeneri fl-impjiegi, id-differenza ta' 16 % fil-pagi bejn il-ġeneri u d-differenza ta' 24,5 % bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet (1), fost l-oħrajn, bħall-ħin iddedikat lill-kura u x-xogħol domestiku mhux imħallas, mhux biss huma inġusti, iżda jpoġġu wkoll lin-nisa f'sitwazzjonijiet vulnerabbli jew prekarji;***
	(1) https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/ilc_pnp13/default/table?lang=mt
[10] Il-Kummissjoni Ewropea, Strateġija Ewropea għall-Kura, 2022.	[10] Il-Kummissjoni Ewropea, Strateġija Ewropea għall-Kura, 2022.
	Or. en

Emenda 83
Vilija Blinkevičiūtė, Estelle Ceulemans, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Romana Jerković, Evelyn Regner, Marc Angel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi n-nisa jġorru l-biċċa l-kbira tar-responsabbiltajiet ta' kura, b'90 % tal-forza tax-xogħol tal-kura formali mwettqa min-nisa[10];	D. billi n-nisa jġorru l-biċċa l-kbira tar-responsabbiltajiet ta' kura, b'90 % tal-forza tax-xogħol tal-kura formali mwettqa min-nisa[10]; ***billi r-responsabbiltajiet tal-indokrar li qed jitwettqu b'mod sproporzjonat min-nisa jikkontribwixxu għal inugwaljanzi strutturali bejn il-ġeneri billi jillimitaw il-kapaċità tan-nisa li jipparteċipaw fis-suq tax-xogħol, li jwassal għal qligħ u pensjonijiet aktar baxxi u jxekkel il-possibbiltà għan-nisa li jiksbu indipendenza ekonomika;***
[10] Il-Kummissjoni Ewropea, Strateġija Ewropea għall-Kura, 2022.	[10] Il-Kummissjoni Ewropea, Strateġija Ewropea għall-Kura, 2022.

Or. en

Emenda 84
Kathleen Funchion, Irene Montero, Elena Kountoura, Hanna Gedin, Carolina Morace

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi n-nisa jġorru l-biċċa l-kbira tar-responsabbiltajiet ta' kura, b'90 % tal-forza tax-xogħol tal-kura formali mwettqa min-nisa[10];	D. billi n-nisa jġorru l-biċċa l-kbira tar-responsabbiltajiet ta' kura, b'90 % tal-forza tax-xogħol tal-kura formali mwettqa min-nisa[10]; ***billi sehem kbir minn din il-forza tax-xogħol jikkonsisti minn nisa migranti u nisa minn sfondi soċjoekonomiċi aktar baxxi li spiss jiffaċċjaw kundizzjonijiet prekarji u nuqqas ta' rikonoxximent;***

[10] Il-Kummissjoni Ewropea, Strateġija Ewropea għall-Kura, 2022.

[10] Il-Kummissjoni Ewropea, Strateġija Ewropea għall-Kura, 2022.

Or. en

Emenda 85
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi n-nisa jġorru l-biċċa l-kbira tar-responsabbiltajiet ta' kura, ***b'90 %*** tal-forza tax-xogħol tal-kura formali mwettqa min-nisa[10];	D. billi n-nisa jġorru l-biċċa l-kbira tar-responsabbiltajiet ta' kura, ***kemm fil-kura informali, fejn il-familja tieħu ħsieb il-qraba u d-dar tagħha, kif ukoll fil-kura formali, fejn 90 %*** tal-forza tax-xogħol tal-kura formali mwettqa min-nisa[10];
[10] Il-Kummissjoni Ewropea, Strateġija Ewropea għall-Kura, 2022.	[10] Il-Kummissjoni Ewropea, Strateġija Ewropea għall-Kura, 2022.

Or. en

Emenda 86
Diana Iovanovici Şoşoacă

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi n-nisa jġorru l-biċċa l-kbira tar-responsabbiltajiet ta' kura, b'90 % tal-forza tax-xogħol tal-kura formali mwettqa min-nisa[10];	D. billi n-nisa jġorru l-biċċa l-kbira tar-responsabbiltajiet ta' kura, b'90 % tal-forza tax-xogħol tal-kura formali mwettqa min-nisa[10]***, li jillimita l-aċċess tagħhom għal opportunitajiet ta' karriera, ikompli jistabbilixxi d-diskrepanzi fil-pagi u jgħin biex jitwettqu stereotipi marbuta mal-ġeneru;***
[10] Il-Kummissjoni Ewropea, Strateġija	[10] Il-Kummissjoni Ewropea, Strateġija

Ewropea għall-Kura, 2022.	Ewropea għall-Kura, 2022.

Or. ro

Emenda 87
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi n-nisa jġorru l-biċċa l-kbira tar-responsabbiltajiet ta' kura, b'90 % tal-forza tax-xogħol tal-kura formali mwettqa min-nisa[10];	D. billi n-nisa jġorru l-biċċa l-kbira tar-responsabbiltajiet ta' kura, ***kemm fil-kura informali - meta l-familja tieħu ħsieb il-qraba u d-dar tagħha, kif ukoll fil-kura formali -*** b'90 % tal-forza tax-xogħol tal-kura formali mwettqa min-nisa[10];
[10] Il-Kummissjoni Ewropea, Strateġija Ewropea għall-Kura, 2022.	[10] Il-Kummissjoni Ewropea, Strateġija Ewropea għall-Kura, 2022.

Or. en

Emenda 88
Francesco Torselli, Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan, Georgiana Teodorescu
f'isem il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali
Chiara Gemma

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi n-nisa jġorru l-biċċa l-kbira tar-responsabbiltajiet ta' kura, b'90 % tal-forza tax-xogħol tal-kura formali mwettqa min-nisa[10];	D. billi n-nisa jġorru l-biċċa l-kbira tar-responsabbiltajiet ta' kura, b'90 % tal-forza tax-xogħol tal-kura formali mwettqa min-nisa[10]; ***billi dan l-iżbilanċ jitlob miżuri li jippromwovu l-parteċipazzjoni tal-irġiel fis-settur u distribuzzjoni aktar ekwa tar-responsabbiltajiet;***

[10] Il-Kummissjoni Ewropea, Strateġija Ewropea għall-Kura, 2022.	[10] Il-Kummissjoni Ewropea, Strateġija Ewropea għall-Kura, 2022.

Or. en

Emenda 89
Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi n-nisa jġorru l-biċċa l-kbira tar-responsabbiltajiet ta' kura, b'90 % tal-forza tax-xogħol tal-kura ***formali*** mwettqa min-nisa[10];	D. billi n-nisa jġorru l-biċċa l-kbira tar-responsabbiltajiet ta' kura, b'90 % tal-forza tax-xogħol tal-kura ***professjonali*** mwettqa min-nisa[10];
[10] Il-Kummissjoni Ewropea, Strateġija Ewropea għall-Kura, 2022.	[10] Il-Kummissjoni Ewropea, Strateġija Ewropea għall-Kura, 2022.

Or. en

Emenda 90
Estrella Galán

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi n-nisa jġorru l-biċċa l-kbira tar-responsabbiltajiet ta' kura, b'***90 %*** tal-forza tax-xogħol tal-kura formali mwettqa min-nisa[10];	D. billi n-nisa jġorru l-biċċa l-kbira tar-responsabbiltajiet ta' kura, bi ***88,2 %*** tal-forza tax-xogħol tal-kura formali mwettqa min-nisa[10];
[10] ***Il-Kummissjoni Ewropea, Strateġija Ewropea għall-Kura, 2022.***	[10] ***CEDEFOP, 2023***.

Or. en

Emenda 91
Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi l-irġiel u n-nisa għandhom il-kwalitajiet tagħhom stess, billi jirriflettu komplementarjetà naturali li tikkontribwixxi għall-bilanċ u l-arrikkiment tal-ħajja soċjali u tal-familja, u għall-mod kif tiġi pprovduta l-kura; billi l-maternità tagħti lin-nisa inklinazzjoni naturali lejn it-trobbija u l-kura, kwalitajiet indispensabbli għat-trawwim tal-istabbiltà u l-benesseri tal-familja; billi l-vokazzjoni tan-nisa ħafna drabi hija allinjata ma' professjonijiet relatati mal-kura;[10a]
	[10a] Calvo, M. (19 ta' April 2024). Hemos metido a los hombres en el gineceo; ahora el hombre tiene miedo a mostrarse masculino. El Debate. https://www.eldebate.com/familia/20240419/maria-calvo-hemos-metido-hombres-gineceo-ahora-hombre-tiene-miedo-mostrarse-masculino_189844.html

Or. en

Emenda 92
Laurence Trochu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi l-kura informali l-aktar li tiġi pprovduta hi fi ħdan in-nukleu tal-familja; u l-familja hija n-nukleu bażiku tas-soċjetà u l-qafas naturali tal-kura għall-aktar vulnerabbli; billi t-tnaqqis fis-

solidarjetà kompla jiżdied bid-dgħajfien fil-mudell tal-familja, l-urbanizzazzjoni u l-mobbiltà ġeografika, li biddlu d-drawwiet ta' kif ngħixu flimkien f'dawn l-aħħar deċennji;

Or. fr

Emenda 93
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Valérie Devaux, Hristo Petrov, Abir Al-Sahlani, Grégory Allione, Martin Hojsík, Jana Toom, Lucia Yar, Billy Kelleher

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi l-istereotipi persistenti marbuta mal-ġeneru jistennew b'mod predominanti li l-indokrar jaqa' fuq in-nisa u l-bniet; billi l-bidla kulturali, il-kampanji ta' sensibilizzazzjoni u l-edukazzjoni li jippromwovu responsabbiltajiet kondiviżi tal-indokrar huma vitali biex in-nisa jkunu jistgħu jipparteċipaw b'mod ugwali fis-soċjetà u biex jiżguraw li l-bniet ikunu liberi li jilħqu l-ambizzjonijiet tagħhom mingħajr dmirijiet ta' kura sproporzjonati;

Or. en

Emenda 94
Gabriella Gerzsenyi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi, skont l-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri tal-EIGE tal-2024 (Dominju tal-Ħin), il-punteġġ medju tal-UE għall-attivitajiet ta' kura huwa ta' 78,7 punt, li jirrifletti disparitajiet

persistenti bejn il-ġeneri fix-xogħol tad-dar, l-indokrar tat-tfal u l-kura fit-tul mhux imħallsa (EIGE, 2024);

Or. en

Emenda 95
Vilija Blinkevičiūtė, Estelle Ceulemans, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Romana Jerković, Evelyn Regner, Marc Angel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi n-nisa migranti jiffurmaw il-maġġoranza ta' din il-forza tax-xogħol u spiss jiffaċċjaw sfruttament u kundizzjonijiet tax-xogħol inġusti, u ta' spiss jaħdmu b'mod mhux iddikjarat u għalhekk ikunu aktar esposti għall-abbuż;

Or. en

Emenda 96
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi r-responsabbiltajiet ta' kura jżommu lil madwar 7,7 miljun mara barra mis-suq tax-xogħol, meta mqabbla ma' 450 000 raġel biss fl-UE[1a];
	[1a] https://eige.europa.eu/publications-resources/publications/gender-inequalities-care-and-consequences-labour-market

Or. en

Emenda 97
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi l-forza tax-xogħol fil-qasam tal-kura madwar l-Ewropa qed tixjieħ u qed tiffaċċja sfidi marbuta mar-reklutaġġ u maż-żamma;

Or. en

Emenda 98
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Valérie Devaux, Hristo Petrov, Abir Al-Sahlani, Grégory Allione, Martin Hojsík, Jana Toom, Lucia Yar, Billy Kelleher

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Db (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Db. billi minkejja ż-żieda fl-għarfien dwar id-distakk bejn il-ġeneri fl-għoti tal-kura, bidla kulturali ġenwina favur kondiviżjoni ugwali tax-xogħol tal-kura mhux imħallas għadha 'l bogħod; jissottolinja li l-piż mentali u organizzattiv tal-kura u l-kompiti tad-dar ikompli jaqa' b'mod predominanti fuq in-nisa;

Or. en

Emenda 99
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Db (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Db. billi nofs biss mit-42,8 miljun persuna b'diżabilità fl-UE li jinsabu fl-età tax-xogħol huma impjegati; billi n-nisa b'diżabilità huma partikolarment affettwati, b'21 % biss minnhom f'impjieg full-time[1a];
	[1a] Indiċi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2024

Or. en

Emenda 100
Gabriella Gerzsenyi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Db (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Db. billi konsegwentement in-nisa jiddedikaw sitt snin addizzjonali matul ħajjithom għall-għoti ta' kura mhux imħallsa meta mqabbla mal-irġiel (Population Reference Bureau, 2023);

Or. en

Emenda 101
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Valérie Devaux, Abir Al-Sahlani, Grégory Allione, Martin Hojsík, Jana Toom, Lucia Yar, Billy Kelleher

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Dc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Dc. billi l-istereotipi marbuta mal-ġeneru dwar it-tqassim tar-responsabbiltajiet ta' kura qed jissaħħu online permezz tal-media soċjali permezz

ta' trends bħal "tradwives" jew "stay at home girlfriends" u amplifikati permezz ta' algoritmi konservattivi fuq il-pjattaformi tal-media soċjali;

Or. en

Emenda 102
Emma Rafowicz, Lina Gálvez, Alessandra Moretti, Maria Noichl, Joanna Scheuring-Wielgus, Marko Vešligaj, Vilija Blinkevičiūtė, Elisabeth Grossmann, Maria Guzenina, Gabriela Firea, Carla Tavares

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi ***n-nisa għandhom rwol ewlieni fis-settur tal-kura, u wara li jidħlu fis-suq*** tax-xogħol ***jibqgħu jġorru r-responsabbiltà primarja għax-xogħol domestiku*** u ***għax-xogħol tal-kura***;	E. billi ***din id-distribuzzjoni mhux ugwali tar-responsabbiltajiet ta' kura tirriżulta f'konsegwenzi multipli u fit-tul għan-nisa, inklużi rati ta' impjieg aktar baxxi, anqas progressjoni fil-karriera, obsolexxenza tal-ħiliet, qligħ u pensjonijiet aktar baxxi, esponiment għal riskji tas-saħħa relatati mal-istress u rati ogħla ta' faqar; billi kważi 30 % tan-nisa fl-UE jaħdmu part-time, u r-responsabbiltajiet ta' kura mhux imħallsa jżommu madwar 7,7 miljun mara barra mis-suq*** tax-xogħol; ***billi n-nuqqas ta' servizzi ta' indokrar tat-tfal u ta' kura fit-tul ta' kwalità għolja, flimkien ma' attitudnijiet soċjali mhux ugwali, jiggrava dawn l-inugwaljanzi; billi wieħed minn kull erba' persuni li jindokraw mħallsa hija mara migranta, li ħafna minnhom jiffaċċjaw sfruttament minħabba perkorsi ta' regolarizzazzjoni inadegwati; billi Patt komprensiv dwar il-Kura għall-Ewropa, flimkien ma' aċċess għal servizzi pubbliċi b'xejn u pagi ġusti, jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-faqar u għat-tnaqqis tad-distakki bejn il-ġeneri fl-impjiegi, fil-pagi, fil-pensjonijiet*** u ***fl-għoti tal-kura***;

Or. en

Emenda 103
Katrin Langensiepen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi n-nisa għandhom rwol ewlieni fis-settur tal-kura, u wara li jidħlu fis-suq tax-xogħol jibqgħu jġorru r-responsabbiltà primarja għax-xogħol domestiku u għax-xogħol tal-kura;	E. billi n-nisa għandhom rwol ewlieni fis-settur tal-kura, u wara li jidħlu fis-suq tax-xogħol jibqgħu jġorru r-responsabbiltà primarja għax-xogħol domestiku u għax-xogħol tal-kura, ***billi r-responsabbiltajiet ta' kura jżommu madwar 7,7 miljun mara barra mis-suq tax-xogħol, meta mqabbla ma' 450 000 raġel biss; billi d-distribuzzjoni mhux uniformi tax-xogħol tal-kura mhux imħallas tfixkel l-aċċess tan-nisa għal impjieg full-time u tikkontribwixxi b'mod negattiv għad-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri[10a];***

[10a] Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound), European Quality of Life Survey 2016 – Quality of life, quality of public services, and quality of society (Stħarriġ Ewropew tal-Kwalità tal-Ħajja 2016 - Kwalità tal-ħajja, kwalità tas-servizzi pubbliċi, u kwalità tas-soċjetà),Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2018.

Or. en

Emenda 104
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Valérie Devaux, Hristo Petrov, Abir Al-Sahlani, Grégory Allione, Martin Hojsík, Jana Toom, Lucia Yar, Billy Kelleher

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi n-nisa għandhom rwol ewlieni fis-settur tal-kura, u wara li jidħlu fis-suq tax-xogħol jibqgħu jġorru r-responsabbiltà primarja għax-xogħol domestiku u għax-xogħol tal-kura;	E. billi n-nisa għandhom rwol ewlieni fis-settur tal-kura, u wara li jidħlu fis-suq tax-xogħol jibqgħu jġorru r-responsabbiltà primarja għax-xogħol domestiku u għax-xogħol tal-kura; ***billi dan jista' jxekkel il-parteċipazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol, u jirriżulta f'anqas opportunitajiet ta' karriera jew saħansitra aċċettazzjoni ta' impjiegi taħt il-livell ta' ħiliet tagħhom, li jwassal f'telf ta' introjtu u aggravament tad-differenza bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet; billi dawk l-effetti detrimentali huma assoċjati mill-qrib mal-intensità tal-kura pprovduta;***

Or. en

Emenda 105
Diana Iovanovici Şoşoacă

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi n-nisa għandhom rwol ewlieni fis-settur tal-kura, u wara li jidħlu fis-suq tax-xogħol jibqgħu jġorru r-responsabbiltà primarja għax-xogħol domestiku u għax-xogħol tal-kura;	E. billi n-nisa għandhom rwol ewlieni fis-settur tal-kura, u wara li jidħlu fis-suq tax-xogħol jibqgħu jġorru r-responsabbiltà primarja għax-xogħol domestiku u għax-xogħol tal-kura***, peress li n-nisa dejjem kienu jitqiesu bħala "dawk li b'mod naturali jipprovdu l-kura" u l-irġiel bħala "dawk li jipprovdu l-flus", li jqiegħed pressjoni sproporzjonata fuq in-nisa, joħloq stress u jaffettwa s-saħħa mentali u fiżika tagħhom***;

Or. ro

Emenda 106
Vilija Blinkevičiūtė, Estelle Ceulemans, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Romana Jerković, Evelyn Regner, Marc Angel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi n-nisa għandhom rwol ewlieni fis-settur tal-kura, u wara li jidħlu fis-suq tax-xogħol jibqgħu jġorru r-responsabbiltà primarja għax-xogħol domestiku u għax-xogħol tal-kura;	E. billi n-nisa għandhom rwol ewlieni fis-settur tal-kura, u wara li jidħlu fis-suq tax-xogħol jibqgħu jġorru r-responsabbiltà primarja għax-xogħol domestiku u għax-xogħol tal-kura; ***billi xi whud lanqas biss jistgħu jidħlu fis-suq tax-xogħol bis-shih minħabba l-piż li jġorru magħhom dawn ir-responsabbiltajiet ta' kura informali;***

Or. en

Emenda 107
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi n-nisa għandhom rwol ewlieni fis-settur tal-kura, u wara li jidħlu fis-suq tax-xogħol jibqgħu jġorru r-responsabbiltà primarja għax-xogħol domestiku u għax-xogħol tal-kura;	E. billi n-nisa għandhom rwol ewlieni fis-settur tal-kura, u wara li jidħlu fis-suq tax-xogħol jibqgħu jġorru r-responsabbiltà primarja għax-xogħol domestiku u għax-xogħol tal-kura; ***billi huwa stmat li 80 % tal-kura fit-tul hija pprovduta minn persuni li jindokraw b'mod informali u mhux imħallsa, li l-maġġoranza tagħhom huma nisa[1b]***;

[1b] Caregiving impacts on unpaid informal carers' health and well-being - a gender perspective: factsheet (L-impatt tal-indokrar fuq is-saħħa u l-benesseri tal-persuni li jindokraw b'mod informali u mhux imħallsa - perspettiva tal-ġeneru: skeda tal-fatti) (2024)

Or. en

Emenda 108
Estrella Galán

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi n-nisa għandhom rwol ewlieni fis-settur tal-kura, u wara li jidħlu fis-suq tax-xogħol jibqgħu jġorru r-responsabbiltà primarja għax-xogħol domestiku u għax-xogħol tal-kura;	E. billi n-nisa għandhom rwol ewlieni fis-settur tal-kura, u ***anke*** wara li jidħlu fis-suq tax-xogħol jibqgħu jġorru r-responsabbiltà primarja għax-xogħol domestiku u għax-xogħol tal-kura***, li jwassal għal "ġurnata tax-xogħol trippla"***;

Or. en

Emenda 109
Irmhild Boßdorf, Christine Anderson

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi n-nisa għandhom rwol ewlieni fis-settur tal-kura, u wara li jidħlu fis-suq tax-xogħol ***jibqgħu*** jġorru r-responsabbiltà primarja għax-xogħol domestiku u għax-xogħol tal-kura;	E. billi n-nisa għandhom rwol ewlieni fis-settur tal-kura, u wara li jidħlu fis-suq tax-xogħol ***jistgħu jagħżlu li*** jġorru r-responsabbiltà primarja għax-xogħol domestiku u għax-xogħol tal-kura;

Or. en

Emenda 110
Vilija Blinkevičiūtė, Estelle Ceulemans, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Romana Jerković, Evelyn Regner, Marc Angel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi r-rwol dejjem jikber tal-pjattaformi diġitali fis-settur tal-kura jġib miegħu implikazzjonijiet relatati mal-ġeneru, peress li jirriskja li jiggrava l-inugwaljanzi eżistenti u l-isfidi li jiffaċċjaw in-nisa involuti f'xogħol ta' kura mhux iddikjarat; filwaqt li tali pjattaformi jistgħu joffru flessibbiltà u aċċessibbiltà, ħafna drabi jonqsu milli jindirizzaw il-preġudizzji strutturali li fuqhom hija msejsa s-sottovalutazzjoni u l-organizzazzjoni prekarja tax-xogħol tal-kura;

Or. en

Emenda 111
Lina Gálvez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri mhux se tinkiseb sakemm ix-xogħol ta' kura mhux imħallas ma jiġix rikonoxxut, apprezzat u mqassam mill-ġdid b'mod ugwali; billi l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri fil-qligħ jew fl-introjtu huma relatati mill-qrib mad-dmirijiet ta' kura tat-tfal jew tal-anzjani li jitwettqu l-aktar min-nisa; billi d-dmirijiet ta' kura reċentement esperjenzaw bidla oħra lura lejn id-djar privati;

Or. en

Emenda 112
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Valérie Devaux, Abir Al-Sahlani, Grégory Allione, Martin Hojsík, Jana Toom, Lucia Yar

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi l-piż doppju tal-kura u x-xogħol jillimita ferm il-ħin tal-persuni li jindokraw lit-tfal għal attivitajiet liberi u għall-kura personali, u dan ipoġġi l-persuni li jindokraw mhux imħallsa f'riskju ferm akbar ta' burnout (tal-ġenituri); billi l-aċċess għas-servizz tas-saħħa riproduttiva u s-servizzi tal-abort jista' jgħin lill-ġenituri fl-ippjanar tal-familja tagħhom u jnaqqas l-istress li jirriżulta minn tqaliet mhux mistennija;

Or. en

Emenda 113
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi d-Differenza fil-Pagi bejn il-Ġeneri fl-UE hija ta' 13 % [1c] ***u d-Differenza bejn il-Ġeneri fil-Pensjonijiet hija ta' 27 %; billi ħafna mid-differenzi ekonomiċi bejn il-ġeneri huma spjegati minn differenzi bejn il-ġeneri fl-għoti tal-kura u s-sottovalutazzjoni tas-settur tal-kura professjonali, li jimpjega ħafna aktar nisa milli rġiel;***

[1c] The gender pay gap situation in the EU (Is-sitwazzjoni tad-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri fl-UE) - il-Kummissjoni Ewropea (2022)

Or. en

Emenda 114
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi l-indokrar ta' membru tal-familja b'marda ta' indeboliment bħall-kanċer jew mard li jwassal għal diżabbiltà fil-memorja, fost l-oħrajn, ipoġġi piżijiet fiżiċi u psikoloġiċi sproporzjonati fuq in-nisa, li ħafna drabi jsiru akbar lejn tmiem il-ħajja[1a];
	[1a] https://eige.europa.eu/publications-resources/toolkits-guides/gender-equality-index-2019-report/informal-care-older-people-people-disabilities-and-long-term-care-services?language_content_entity=en&utm_

Or. en

Emenda 115
Laurence Trochu, Beatrice Timgren

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi l-familji jeħtiġilhom jibqgħu liberi li jagħżlu kif iqassmu x-xogħol tal-kura u tad-dar;

Or. fr

Emenda 116
Lina Gálvez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Eb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Eb. billi d-dmirijiet tal-kura jimplikaw tnaqqis fl-impjiegi għan-nisa u huma partikolarment diffiċli għall-ommijiet waħedhom; billi 12,4 % tal-familji tal-UE bit-tfal huma familji b'ġenitur wieħed; billi n-nisa huma wkoll rappreżentati b'mod sproporzjon at fost il-familji b'ġenitur wieħed (85 %);

Or. en

Emenda 117
Laurence Trochu, Beatrice Timgren

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi d-Direttiva dwar il-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata għadha ma ġietx implimentata bis-sħiħ f'għadd ta' Stati Membri;	***imħassar***

Or. fr

Emenda 118
Mathilde Androuët, Catherine Griset, Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi d-Direttiva dwar il-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata għadha ma ġietx implimentata bis-sħiħ f'għadd ta' Stati Membri;	***imħassar***

Or. fr

Emenda 119
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi d-Direttiva dwar il-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata għadha ma ġietx implimentata bis-sħiħ f'għadd ta' Stati Membri;	F. billi d-Direttiva dwar il-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata għadha ma ġietx implimentata bis-sħiħ f'għadd ta' Stati Membri; ***billi d-dispożizzjonijiet tagħha dwar il-liv ta' familjari li jindokraw ta' ħamest ijiem għal kull sena u għal kull ħaddiem mhumiex biżżejjed biex tingħata kura adegwata jew biex tiġi organizzata kura formali u mhumiex koperti mill-istess salvagwardji rigward ir-remunerazzjoni u l-appoġġ għall-introjtu bħal tipi oħra ta' liv tal-familja;***

Or. en

Emenda 120
Diana Iovanovici Şoşoacă

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi d-Direttiva dwar il-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata għadha ma ġietx implimentata bis-sħiħ f'għadd ta' Stati Membri;	F. billi d-Direttiva dwar il-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata għadha ma ġietx implimentata bis-sħiħ f'għadd ta' Stati Membri; ***billi l-pressjoni ekonomika flimkien mad-differenzi fil-pagi bejn il-ġeneri ħafna drabi jwasslu biex il-familja tagħti prijorità lill-karriera tar-raġel, għad-detriment tal-karriera tal-mara;***

Or. ro

Emenda 121
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fa. billi l-għoti ta' kura fit-tul affordabbli, ta' kwalità u ffukata fuq il-persuna huwa parti mid-dritt fundamentali għas-saħħa u l-parteċipazzjoni fis-soċjetà; billi jekk ma jsirx dan, jinħoloq riskju serju għad-dritt li wieħed jibqa' fit-territorju ta' miljuni ta' nies madwar l-UE; billi l-aċċess għal servizzi ta' kura formali affordabbli u ta' kwalità tajba huwa essenzjali biex jiġi żgurat li l-indokrar ikun għażla ġenwina, biex jiġu appoġġjati l-persuni li jindokraw b'mod informali, u titnaqqas l-intensità tal-kura u jittaffa l-piż fuq dawk li jindokraw;

Or. en

Emenda 122
Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fa. billi xi Stati Membri tal-UE implimentaw politiki ta' appoġġ għall-familji li wrew li huma effettivi, li juri l-impatt pożittiv li tali miżuri jista' jkollhom fl-iffaċilitar tar-responsabbiltajiet tal-indokrar, u b'hekk jippromwovu l-ugwaljanza u l-benesseri tat-tfal[12];
	12. Kopp Maria Institute for Demography and Families. (it-13 ta' Settembru 2023). Hungarian family policy: More children, more marriages, more support (Il-politika

Ungeriża favur il-familja: Aktar tfal, Aktar żwiġijiet, Aktar appoġġ) Hungarian Conservative.

Or. en

Emenda 123
Kathleen Funchion, Irene Montero, Elena Kountoura, Hanna Gedin, Carolina Morace

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fa. billi l-għoti ta' kura fit-tul affordabbli, ta' kwalità u ffukata fuq il-persuna huwa parti mid-dritt fundamentali għas-saħħa u l-parteċipazzjoni fis-soċjetà; billi madwar 80 % tal-kura fit-tul hija pprovduta minn persuni li jindokraw b'mod informali mhux imħallsa, li 70 % minnhom huma nisa;[1a] u billi dawn il-persuni li jindokraw huma f'riskju akbar ta' faqar, esklużjoni soċjali, solitudni, u problemi ta' saħħa mentali u fiżika;

1a

https://www.who.int/europe/publications/m/item/caregiving-impacts-on-unpaid-informal-carers--health-and-well-being---a-gender-perspective--factsheet

Or. en

Emenda 124
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fb. billi x-xogħol tal-Eurofound juri li l-"Kura moħbija" tfisser li ħafna mill-persuni li jindokraw b'mod informali mhumiex identifikati permezz ta' stħarriġiet, u d-data dwar l-indokraturi żgħażagħ (taħt it-18-il sena) hija partikolarment skarsa; billi l-istimi tagħha jissuġġerixxu li kważi kwart taż-żgħażagħ ta' bejn il-15 u s-17-il sena fl-UE jipprovdu kura tat-tfal mhux imħallsa, u 8–24 % huma involuti fil-kura fit-tul; billi n-nisa u l-bniet huma rappreżentati żżejjed fost l-indokraturi żgħażagħ; [1d]
	[1d] Il-Eurofound (se jiġi ppubblikat fl-2025), Unpaid care in the EU (Il-Kura mhux imħallsa fl-UE), Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu.
	Or. en

Emenda 125
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fc. billi l-persuni li jindokraw b'mod informali jiffaċċjaw riskji ogħla ta' faqar u esklużjoni soċjali, ta' solitudni u kwistjonijiet ta' saħħa mentali u fiżika; billi l-Eurofound turi li l-iżolament soċjali huwa wieħed mill-aktar sfidi sinifikanti li jiffaċċjaw il-persuni li jindokraw b'mod informali, b'mod partikolari dawk b'responsabbiltajiet intensivi jew multipli ta' indokrar;

Or. en

Emenda 126
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fd (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fd. billi d-data tal-Eurofound turi li l-persuni li jindokraw għandhom riskju ogħla li jiżviluppaw problemi ta' saħħa mentali minħabba l-livelli għoljin ta' eżiġenzi emozzjonali li jġib miegħu l-impjieg u l-esponiment għal imġiba soċjali avversa fuq il-post tax-xogħol;

Or. en

Emenda 127
Vilija Blinkevičiūtė, Estelle Ceulemans, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Romana Jerković, Evelyn Regner, Marc Angel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi s-settur tal-kura għadu sottovalutat u sottofinanzjat fl-UE;	G. billi s-settur tal-kura għadu sottovalutat u sottofinanzjat fl-UE; ***billi s-settur tal-kura fit-tul formali għadu fil-parti l-kbira bbażat fuq l-għoti ta' kura residenzjali, filwaqt li l-kura fid-dar u fil-komunità x'aktarx li ssostni d-dritt għall-indipendenza tal-persuni fil-bżonn ta' kura; billi fid-dawl tat-tixjiħ tas-soċjetajiet, huwa urġenti li jiġi integrat approċċ għall-kura bbażat fuq il-persuna u d-drittijiet li jiżgura l-parteċipazzjoni ta' kulħadd, f'konformità mas-CRPD tan-NU;***

Or. en

Emenda 128
Irmhild Boßdorf

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi s-settur tal-kura għadu sottovalutat u sottofinanzjat fl-UE;	G. billi s-settur tal-kura għadu sottovalutat u sottofinanzjat fl-UE***, billi l-kontribuzzjonijiet tal-gvern nazzjonali għas-servizzi ta' infermerija lill-anzjani u mwettqa minn qraba, jitħallsu anqas minn dawk imħallsa lil servizzi esterni tal-kura tal-infermerija, jew lil djar tal-kura***; ***billi l-persuni li jieħdu ħsieb qarib spiss jiffaċċjaw problemi finanzjarji u bit-tindif tad-dar;***

Or. en

Emenda 129
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi s-settur tal-kura għadu sottovalutat u sottofinanzjat ***fl-UE***;	G. billi s-settur tal-kura għadu ***mhuwiex rikonoxxut biżżejjed,*** sottovalutat u sottofinanzjat ***mill-UE u mill-Istati Membri tagħha, u dan iwassal għal nuqqas persistenti ta' persunal, minkejja li s-settur għandu l-potenzjal stmat li joħloq 8 miljun impjieg addizzjonali***;

Or. en

Emenda 130
Francesco Torselli, Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan, Georgiana Teodorescu

f'isem il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali
Chiara Gemma

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi s-settur tal-kura għadu sottovalutat u sottofinanzjat fl-UE;	G. billi s-settur tal-kura għadu sottovalutat u sottofinanzjat fl-UE; ***li qed iwassal għal nuqqas persistenti ta' persunal, minkejja li s-settur għandu l-potenzjal stmat li joħloq 8 miljun impjieg addizzjonali[1b];***

[1b] Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

Or. en

Emenda 131
Benedetta Scuderi, Katrin Langensiepen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ga (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ga. billi l-Istati Membri bħala l-garanti ewlienin tal-kura jeħtiġilhom jiżguraw l-għoti ta' servizzi ta' kura pubblika ta' kwalità u ffinanzjati b'mod adegwat; billi l-forniment tal-kura jiddependi minn servizzi pubbliċi u sistemi ta' protezzjoni soċjali ffinanzjati tajjeb u li jiffunzjonaw tajjeb; billi l-investimenti pubbliċi fis-servizzi tal-kura jistgħu jikkontribwixxu b'mod pożittiv għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u jnaqqsu l-lakuni fl-impjiegi; billi l-atturi tal-ekonomija soċjali jikkontribwixxu għat-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fis-settur tal-kura grazzi għall-modi ta' governanza parteċipattiva li jikkaratterizzawhom[2a];

[2a] http://eurofound.link/ef18043

Or. en

Emenda 132
Diana Iovanovici Şoşoacă

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ga (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ga. billi biex jingħalaq id-distakk bejn il-ġeneri fl-għoti tal-kura jeħtieġ li jkun hemm bidliet kemm fil-mentalità kif ukoll fir-riformi strutturali, u billi huwa biss permezz ta' sforz kollettiv li wieħed jista' jikseb kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltajiet, li tkun ta' benefiċċju mhux biss għan-nisa iżda għas-soċjetà kollha kemm hi;

Or. ro

Emenda 133
Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ga (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ga. billi, minkejja l-kontribuzzjoni ta' żewġ salarji, ħafna familji ma jistgħux ilaħħqu mal-ħajja, u dan iċaħħad lill-familji mill-flessibbiltà li jagħżlu jekk wieħed mill-adulti jistax jibqa' d-dar biex jipprovdi kura;

Or. en

Emenda 134
Galato Alexandraki, Emmanouil Fragkos

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Za (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Za. billi r-rikonoxximent ta' perjodi ta' għoti tal-kura tal-familja mhux imħallsa fis-sistemi tal-assigurazzjoni u l-pensjoni huwa miżura essenzjali għall-ġustizzja soċjali u l-prevenzjoni tal-faqar;

Or. el

Emenda 135
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Valérie Devaux, Hristo Petrov, Abir Al-Sahlani, Grégory Allione, Martin Hojsík, Jana Toom, Lucia Yar, Billy Kelleher

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ga (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ga. billi d-diskrepanza fl-indokrar tat-tfal tibqa' waħda mill-aktar sfidi urġenti fl-UE li qed jiffaċċjaw ġenituri ġodda u li taffettwa prinċipalment lin-nisa billi ddewwem ir-ritorn tagħhom għax-xogħol;

Or. en

Emenda 136
Miriam Lexmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ga (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ga. billi s-settur tal-kura qed jiffaċċja nuqqas serju ta' ħaddiema, u qed jiltaqa' ma' diffikultajiet biex jattira ż-żgħażagħ biex jissieħbu f'dan is-settur;[1a]

[1a] Studju ta' riċerka tal-Eurofound - Measures to tackle labour shortages: Lessons for future policy (Miżuri biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħaddiema: Tagħlimiet għal politika futura), 2023

Or. en

Emenda 137
Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Gb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Gb. billi l-kura tingħata b'mod naturali fil-familja b'mod reċiproku, b'attenzjoni għal kull stadju tal-ħajja, u l-familji jeħtiġilhom jiġu appoġġjati sabiex ikunu jistgħu jipprovduha mingħajr inkonvenjent; billi irid ikun possibbli li l-kura tal-familja tiġi kkomplementata billi, meta jkun meħtieġ, jitqabbdu servizzi ta' kura professjonali; billi, meta l-kundizzjonijiet tas-saħħa jirrikjedu dan, trid tingħata attenzjoni professjonali minn professjonisti fil-kura tas-saħħa kemm fl-indirizz residenzjali kif ukoll fiċ-ċentri tal-kura tas-saħħa;

Or. en

Emenda 138
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Valérie Devaux, Hristo Petrov, Abir Al-Sahlani, Grégory Allione, Martin Hojsík, Jana Toom, Lucia Yar, Billy Kelleher

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Gb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Gb. billi investiment insuffiċjenti fis-

servizzi tal-kura jaffettwa b'mod sproporzjonat lin-nisa u l-bniet, li jġorru l-biċċa l-kbira tar-responsabbiltajiet ta' kura mhux imħallsa; billi l-istabbiliment ta' standards minimi ta' kwalità tal-UE għas-servizzi tal-kura jtejjeb direttament l-indipendenza ekonomika tan-nisa u l-opportunitajiet indaqs tal-bniet fl-edukazzjoni u fl-impjiegi u jiżgura li l-istandards tal-kura jkunu għodda ta' ugwaljanza bejn il-ġeneri għan-nisa u l-bniet;

Or. en

Emenda 139
Kathleen Funchion, Irene Montero, Elena Kountoura, Hanna Gedin, Carolina Morace

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi l-implimentazzjoni ta' suċċess tal-istrateġija Ewropea għall-kura tirrikjedi l-monitoraġġ, it-trasparenza, u l-integrazzjoni fil-finanzjament u l-politiki tal-UE;	H. billi l-implimentazzjoni ta' suċċess tal-istrateġija Ewropea għall-kura tirrikjedi l-monitoraġġ, it-trasparenza, u l-integrazzjoni fil-finanzjament***, ir-riċerka*** u l-politiki tal-UE ***u l-involviment tal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi rilevanti tal-persuni li jindokraw b'mod formali u informali***; ***l-involviment ta' organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw kemm lill-persuni li jindokraw b'mod formali kif ukoll informali;***

Or. en

Emenda 140
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Valérie Devaux, Hristo Petrov, Abir Al-Sahlani, Grégory Allione, Martin Hojsík, Jana Toom, Lucia Yar, Billy Kelleher

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi l-implimentazzjoni ta' suċċess tal-istrateġija Ewropea għall-kura tirrikjedi l-monitoraġġ, it-trasparenza, u l-integrazzjoni fil-finanzjament u l-politiki tal-UE;	H. ***billi l-kura formali għandha tkun ta' kwalità għolja, aċċessibbli u affordabbli fl-Istati Membri kollha; billi l-monitoraġġ tal-kura huwa mfixkel min-nuqqas tad-data diżaggregata u n-nuqqas ta' indikaturi ta' kwalità;*** billi l-implimentazzjoni ta' suċċess tal-istrateġija Ewropea għall-kura tirrikjedi l-monitoraġġ, it-trasparenza, u l-integrazzjoni fil-finanzjament u l-politiki tal-UE;

Or. en

Emenda 141
Miriam Lexmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi ***l-implimentazzjoni ta' suċċess tal-istrateġija*** Ewropea għall-kura ***tirrikjedi l-monitoraġġ***, it-trasparenza, u l-integrazzjoni fil-finanzjament u l-politiki tal-UE;	H. billi ***l-istrateġija*** Ewropea għall-kura ***tnediet fl-2022; billi minn dak iż-żmien 'l hawn ma ġie osservat l-ebda progress kbir, billi sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tagħha, huma meħtieġa l-implimentazzjoni bir-reqqa tagħha***, il-monitoraġġ, it-trasparenza u l-integrazzjoni fil-finanzjament u l-politiki tal-UE;

Or. en

Emenda 142
Francesco Torselli, Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan, Georgiana Teodorescu
f'isem il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali
Chiara Gemma

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi l-implimentazzjoni ta' suċċess tal-istrateġija Ewropea għall-kura tirrikjedi l-monitoraġġ, it-trasparenza, u l-integrazzjoni fil-finanzjament u l-politiki tal-UE;	H. billi l-implimentazzjoni ta' suċċess tal-istrateġija Ewropea għall-kura tirrikjedi l-monitoraġġ, it-trasparenza, u l-integrazzjoni fil-finanzjament u l-politiki tal-UE; ***billi l-implimentazzjoni għandha tirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà u tqis l-ispeċifiċitajiet nazzjonali;***

Or. en

Emenda 143
Katrin Langensiepen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi l-implimentazzjoni ta' suċċess tal-istrateġija Ewropea għall-kura tirrikjedi l-monitoraġġ, it-trasparenza, u l-integrazzjoni fil-finanzjament u l-politiki tal-UE;	H. billi l-implimentazzjoni ta' suċċess tal-istrateġija Ewropea għall-kura tirrikjedi l-monitoraġġ, it-trasparenza, u l-integrazzjoni fil-finanzjament***, ir-riċerka*** u l-politiki tal-UE ***u l-involviment tal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi rilevanti tal-persuni li jindokraw b'mod formali u informali***;

Or. en

Emenda 144
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi l-implimentazzjoni ta' suċċess tal-istrateġija Ewropea għall-kura tirrikjedi l-monitoraġġ, it-trasparenza, u l-integrazzjoni fil-finanzjament ***u*** l-politiki tal-UE;	H. billi l-implimentazzjoni ta' suċċess tal-istrateġija Ewropea għall-kura tirrikjedi ***r-riċerka,*** l-monitoraġġ, it-trasparenza, u l-integrazzjoni fil-finanzjament***,*** il-politiki tal-UE ***u l-involviment tal-***

	organizzazzjonijiet rappreżentattivi rilevanti tal-persuni li jindokraw b'mod formali u informali;

Or. en

Emenda 145
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi l-implimentazzjoni ta' suċċess tal-istrateġija Ewropea għall-kura tirrikjedi l-monitoraġġ, it-trasparenza, ***u l-integrazzjoni fil-finanzjament*** u l-politiki tal-UE;	H. billi l-implimentazzjoni ta' suċċess tal-istrateġija Ewropea għall-kura tirrikjedi l-monitoraġġ, it-trasparenza, ***u sinerġiji tal-finanzjament*** u l-politiki ***nazzjonali*** tal-UE;

Or. en

Emenda 146
Estrella Galán

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi l-implimentazzjoni ta' suċċess tal-istrateġija Ewropea għall-kura tirrikjedi l-monitoraġġ, it-trasparenza, u l-integrazzjoni fil-finanzjament u l-politiki tal-UE;	H. billi l-implimentazzjoni ta' suċċess tal-istrateġija Ewropea għall-kura tirrikjedi l-monitoraġġ, it-trasparenza, u l-integrazzjoni ***ħolistika*** fil-finanzjament u l-politiki tal-UE;

Or. en

Emenda 147
Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ha (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ha. billi t-tfal li jbatu minn mard serju jirrikjedu kura diretta, kontinwa u personalizzata; billi l-persuni li ġeneralment jipprovdu din il-kura—ħafna drabi l-omm jew membru tal-familja dirett—spiss jiltaqgħu ma' ostakli biex jipprovduha fl-ambjenti ta' kuljum tat-tfal, bħall-iskola, jew l-ambjenti rikreattivi jew sportivi;[13]
	[13].Asociación Cuidadores Lazarillo. (s.f.). Cuidadores Lazarillo. Ikkonsultat fil-25 ta' Settembru 2025, fuq https://www.cuidadorlazarillo.org/

Or. en

Emenda 148
Francesco Torselli, Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan, Georgiana Teodorescu
f'isem il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali
Chiara Gemma

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ha (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ha. billi qed jiġi rikonoxxut dejjem aktar li l-kura trid tiġi pprovduta permezz ta' approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem u ffukat fuq il-persuna, li jirrifletti l-bidla kontinwa fl-għoti tal-kura favur servizzi li jirrispettaw l-awtonomija, id-dinjità u l-inklużjoni fl-istadji kollha tal-ħajja; billi din l-evoluzzjoni tissottolinja l-ħtieġa li t-terminu "appoġġ" jiġi integrat flimkien ma' "kura", sabiex jirrifletti bis-sħiħ id-diversità tas-servizzi u l-perspettiva bbażata fuq id-drittijiet li tiggwidahom;

Or. en

Emenda 149
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ha (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ha. billi l-aċċess għal servizzi ta' kura ta' kwalità, affordabbli u aċċessibbli huwa faċilitatur ewlieni tal-impjiegi, b'mod partikolari għall-persuni li jindokraw b'mod informali u jista' jkollu impatt pożittiv fuq il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol; iwassal għal titjib fl-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-diversità tal-forza tax-xogħol; jippromwovi l-indipendenza ekonomika u jnaqqas id-dipendenza fuq il-protezzjoni soċjali, u b'hekk iwassal għal tkabbir ekonomiku aktar sostenibbli;

Or. en

Emenda 150
Mathilde Androuët, Catherine Griset, Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ha (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ha. billi persuna li tindokra b'mod informali hija persuna li, barra minn kwalunkwe qafas professjonali jew kuntrattwali, tipprovdi assistenza regolari jew ta' kultant mingħajr ħlas lil qarib (ġenitur, konjuġi, wild, ġar, ħabib) minħabba l-età tiegħu, diżabilità, marda kronika, telf ta' awtonomija jew sitwazzjoni ta' dipendenza;

Or. fr

Emenda 151
Kathleen Funchion, Irene Montero, Elena Kountoura, Hanna Gedin, Carolina Morace

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ha (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ha. billi l-aċċess għal servizzi ta' kura ta' kwalità tajba, affordabbli u aċċessibbli huwa essenzjali biex jappoġġja lin-nies ħalli jsibu xogħol, b'mod partikolari l-persuni li jindokraw b'mod informali; u billi tali servizzi jistgħu jgħinu biex tiżdied il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, jiġi evitat il-faqar, titjieb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u tiġi promossa d-diversità tal-forza tax-xogħol;

Or. en

Emenda 152
Catherine Griset, Mathilde Androuët, Marie-Luce Brasier-Clain

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ha (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ha. billi l-inċertezza dejjem akbar f'ħafna Stati Membri, b'mod partikolari fiż-żoni urbani b'livelli għolja ta' immigrazzjoni, hija ta' theddida diretta għan-nisa u tillimita l-libertà tal-moviment tagħhom u l-aċċess tagħhom għax-xogħol, l-edukazzjoni u l-kura tas-saħħa;

Or. fr

Emenda 153
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ha (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ha. billi fost il-persuni li għandhom aktar minn 65 sena fl-UE, 8 %, jiġifieri aktar minn 7 miljun individwu, jirċievu kura informali u għal dawk li għandhom 75 sena jew aktar, is-sehem li jserraħ fuq il-kura informali jiżdied għal 11 %; in-nisa akbar fl-età huma aktar probabbli li jkollhom bżonnijiet ta' kura fit-tul mill-irġiel[1a];
	[1a] https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2021/695476/IPOL_STU%282021%29695476_EN.pdf?utm_

Or. en

Emenda 154
Katrin Langensiepen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ha (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ha. billi fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tal-UE, il-permessi ta' residenza għal żmien twil minħabba xogħol ħafna drabi mhumiex disponibbli għall-persuni li jindokraw, u dan jesponi lill-persuni li jindokraw għal sfruttament u kuntratti prekarji; billi l-pagi fil-kura fit-tul u servizzi soċjali oħra huma 21 % taħt il-medja;

Or. en

Emenda 155
Eleonora Meleti, Rosa Estaràs Ferragut, Romana Tomc, Paulo Do Nascimento Cabral,

Loucas Fourlas, Giusi Princi, Pascal Arimont, András Tivadar Kulja, Miriam Lexmann, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Jagna Marczułajtis-Walczak, Liesbet Sommen, Gabriella Gerzsenyi, Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ha (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ha. billi l-innovazzjoni diġitali u l-użu ta' għodod tas-saħħa diġitali jistgħu jtejbu b'mod sinifikanti l-kwalità u l-aċċessibilità tal-kura, speċjalment f'żoni rurali u remoti u f'reġjuni ultraperiferiċi, u għalhekk għandhom jiġu promossi u appoġġjati b'mod attiv;

Or. en

Emenda 156
Vilija Blinkevičiūtė, Estelle Ceulemans, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Romana Jerković, Evelyn Regner, Marc Angel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ha (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ha. billi l-istabbiliment ta' Patt Ewropew dwar il-Kura, pagi minimi u aċċess għal servizzi pubbliċi ta' kwalità għolja u bla ħlas jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-faqar u t-tnaqqis tad-distakk fl-għoti tal-kura, kif ukoll id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri d-differenza bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet;

Or. en

Emenda 157
Benedetta Scuderi, Katrin Langensiepen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ha (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ha. billi l-atturi tal-ekonomija soċjali jfornu servizzi ta' kura essenzjali u bbażati fil-komunità li jtejbu l-inklużjoni, l-affordabbiltà u l-kwalità tal-kura, speċjalment f'żoni li mhumiex moqdija biżżejjed u żvantaġġati filwaqt li jirrispondu għall-ħtiġijiet territorjali;

Or. en

Emenda 158
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Valérie Devaux, Hristo Petrov, Abir Al-Sahlani, Grégory Allione, Martin Hojsík, Jana Toom, Lucia Yar, Billy Kelleher

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ha (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ha. billi l-għoti ta' kura ta' kwalità jiddependi mill-eżistenza ta' forza tax-xogħol kbira biżżejjed u mħarrġa sew, kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti, introjtu deċenti u servizzi integrati, u finanzjamenti adegwati;

Or. en

Emenda 159
Jagna Marczułajtis-Walczak

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ha (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ha. billi ħafna mill-bżonnijiet ta' persuni b'diżabilità u persuni anzjani jridu jiġu koperti mis-servizzi bbażati fil-komunità, bħall-assistenza personali u l-għajnuna għall-akkomodazzjoni appoġġjata;

Or. en

Emenda 160
Lina Gálvez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ha (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ha. billi huma meħtieġa stħarriġiet dwar l-użu tal-ħin iffukati fuq il-kejl tal-allokazzjoni tal-ħin iddedikat lill-kura u lix-xogħol domestiku;

Or. en

Emenda 161
Estrella Galán

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ha (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ha. billi kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin fis-settur tal-kura jiżvolġu rwol ewlieni fil-kwalità tas-servizzi tal-kura;

Or. en

Emenda 162
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Valérie Devaux, Hristo Petrov, Abir Al-Sahlani, Grégory Allione, Martin Hojsík, Jana Toom, Lucia Yar, Billy Kelleher

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Hb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Hb. billi l-aċċess għas-servizzi tal-kura jibqa' sfida fiż-żoni remoti u rurali tal-UE, b'mod partikolari r-reġjuni

ultraperiferiċi, f'kuntest ta' popolazzjoni li qed tonqos u tixjiħ, u nuqqas ta' konnettività u infrastruttura; billi din ix-xejra demografika tista' tikkontribwixxi għall-attrazzjoni aktar baxxa taż-żoni rurali bħala postijiet fejn wieħed jgħix u jaħdem; billi dan jaffettwa b'mod sproporzjonat lin-nisa, li jiffaċċjaw diffikultajiet addizzjonali biex jippruvaw jirrikonċiljaw ix-xogħol u l-ħajja; billi ż-żoni rurali jiffaċċjaw nuqqas ta' prattikanti ġenerali u ta' kura speċjalizzata u ta' emerġenza li jwassal għall-emerġenza tal-hekk imsejħa "Dežerti Mediċi";

Or. en

Emenda 163
Benedetta Scuderi, Katrin Langensiepen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Hb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Hb. billi ħafna persuni li jindokraw u ħaddiema domestiċi fl-Ewropa huma nisa migranti, li jiffaċċjaw sitwazzjoni prekarja ħafna u jesperjenzaw diskriminazzjoni intersezzjonali minħabba n-nazzjonalità, ir-razza jew l-oriġini etnika, il-ġeneru, l-istatus soċjoekonomiku u ta' residenza tagħhom; billi dawn il-migranti qed jagħmlu tajjeb għan-nuqqas ta' kura pubblika u affordabbli fl-UE u mhumiex qed jiġu ttrattati bl-istess mod f'termini tad-drittijiet soċjali tagħhom u l-aċċess għal kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti;

Or. en

Emenda 164
Vilija Blinkevičiūtė, Estelle Ceulemans, Isilda Gomes, Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia,

Romana Jerković, Evelyn Regner, Marc Angel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Hb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Hb. billi l-Ewropa għaddejja minn trasformazzjoni demografika li se taffettwa b'mod sinifikanti l-organizzazzjoni tal-kura, u billi n-nuqqas li tiġi indirizzata din l-isfida permezz ta' approċċ ta' servizz pubbliku, ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem u sensittiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru, jirriskja li jdgħajjef il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, isaħħaħ l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri, u jimmina l-benesseri tal-anzjani, tat-tfal u tal-familji;

Or. en

Emenda 165
Francesco Torselli, Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan, Georgiana Teodorescu
f'isem il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali
Chiara Gemma

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Hb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Hb. billi l-aċċess għal servizzi ta' kura ta' kwalità, affordabbli u aċċessibbli huwa fattur ewlieni li jippermetti l-impjiegi, b'mod partikolari għall-persuni li jindokraw b'mod informali u jista' jkollu impatt pożittiv fuq il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol; billi dan l-aċċess jippromwovi l-indipendenza ekonomika u jnaqqas id-dipendenza fuq il-protezzjoni soċjali, u b'hekk iwassal għal tkabbir ekonomiku aktar sostenibbli;

Or. en

Emenda 166
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Hb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Hb. billi l-kura informali hija kwistjoni marbuta ħafna mal-ġeneru peress li n-nisa huma rrappreżentati żżejjed fl-għoti ta' attivitajiet ta' kura informali, li jammontaw għal madwar 60 % tal-persuni li jindokraw fit-tul b'mod informali, u jipprovdu kura informali għal aktar sigħat mill-irġiel[1a];
	[1a] https://eige.europa.eu/publications-resources/toolkits-guides/gender-equality-index-2019-report/informal-care-older-people-people-disabilities-and-long-term-care-services?language_content_entity=en&utm_

Or. en

Emenda 167
Eleonora Meleti, Rosa Estaràs Ferragut, Romana Tomc, Paulo Do Nascimento Cabral, Loucas Fourlas, Giusi Princi, Pascal Arimont, András Tivadar Kulja, Miriam Lexmann, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Jagna Marczułajtis-Walczak, Liesbet Sommen, Gabriella Gerzsenyi, Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Hb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Hb. billi l-investiment f'edukazzjoni vokazzjonali ta' kwalità għolja, taħriġ, u opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet għall-persuni li jindokraw huwa essenzjali biex is-settur jiġi professjonalizzat u jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol;

Or. en

Emenda 168
Catherine Griset, Mathilde Androuët, Marie-Luce Brasier-Clain

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Hb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Hb. billi l-politiki soċjali u dwar il-familja huma primarjament il-kompetenza tal-Istati Membri u jridu jirrispettaw is-sovranità u l-għażliet demokratiċi tagħhom;

Or. fr

Emenda 169
Jagna Marczułajtis-Walczak

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Hb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Hb. billi d-deistituzzjonalizzazzjoni u l-għajxien indipendenti huma appoġġjati mill-Unjoni Ewropea permezz ta' fondi ta' ġestjoni kondiviża, l-Istrateġija tal-Mewġa ta' Rinnovazzjoni, il-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza;

Or. en

Emenda 170
Eleonora Meleti, Rosa Estaràs Ferragut, Romana Tomc, Paulo Do Nascimento Cabral, Loucas Fourlas, Giusi Princi, Pascal Arimont, András Tivadar Kulja, Miriam Lexmann, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Jagna Marczułajtis-Walczak, Liesbet Sommen, Gabriella Gerzsenyi, Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Hc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Hc. billi qed jiġi rikonoxxut dejjem aktar li l-kura trid tiġi pprovduta permezz ta' approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem u ffukat fuq il-persuna, li jirrifletti l-bidla kontinwa fl-għoti tal-kura favur servizzi li jirrispettaw l-awtonomija, id-dinjità u l-inklużjoni tal-persuni taħt kura fl-istadji kollha tal-ħajja;

Or. en

Emenda 171
Catherine Griset, Mathilde Androuët, Marie-Luce Brasier-Clain

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Hc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Hc. billi r-responsabbiltà primarja ta' soċjetà tal-kura trid tkun il-ħarsien tat-tfal, billi tiggarantilhom ambjent tal-familja stabbli, sikur u li jipproteġihom mir-riskji tal-inċertezza u tal-faqar;

Or. fr

Emenda 172
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Valérie Devaux, Hristo Petrov, Abir Al-Sahlani, Grégory Allione, Martin Hojsík, Jana Toom, Lucia Yar, Billy Kelleher

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Hc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Hc. billi d-disponibbiltà, l-aċċessibbiltà u l-affordabbiltà tal-faċilitajiet ta' indokrar tat-tfal ta' kwalità għolja huma essenzjali biex jippermettu lill-persuni speċjalment in-nisa b'responsabbiltajiet ta' kura jipparteċipaw fis-suq tax-xogħol;

Or. en

Emenda 173
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Hc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Hc. billi r-riskju ta' faqar, saħħa mentali u fiżika ddeterjorata, u esklużjoni soċjali huma assoċjati mal-għoti intensiv ta' kura informali, li jitwettaq b'mod predominanti min-nisa;

Or. en

Emenda 174
Francesco Torselli, Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan, Georgiana Teodorescu
f'isem il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali
Chiara Gemma

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Hc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Hc. billi l-indokrar ta' membru tal-familja b'marda serja jew fit-tul ipoġġi piżijiet fiżiċi u psikoloġiċi sinifikanti fuq dawk li jindokraw, li ħafna drabi jsiru akbar lejn tmiem il-ħajja;

Or. en

Emenda 175
Francesco Torselli, Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan, Georgiana Teodorescu
f'isem il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali
Chiara Gemma

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Hd (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Hd. billi r-responsabbiltajiet ta' kura informali jistgħu jfixklu l-aċċess tal-persuni li jindokraw għal servizzi tas-saħħa preventivi, u b'hekk inaqqsu l-opportunitajiet għal sejbien bikri u trattament f'waqtu tal-mard;

Or. en

Emenda 176
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Hd (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Hd. billi r-rappreżentanza eċċessiva tan-nisa fil-kura informali taġixxi bħala ostakolu għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u tista' tillimita l-possibbiltà li wieħed jaħdem b'mod formali, speċjalment għal persuni iżgħar li jindokraw b'mod informali;

Or. en

Emenda 177
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa He (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	He. billi l-kura informali mhijiex rikonoxxuta b'mod adegwat fid-diversi forom tagħha, li jvarjaw minn appoġġ ta' kuljum fil-kura personali għal għajnuna okkażjonali fix-xogħol tad-dar, u jissottolinja li n-nisa qed jipprovdu tali kura b'mod sproporzjonat, u dan isaħħaħ

l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri;

Or. en